tfulithom attendew din l-iskola u qatt ma daħall-hom il-ħsieb kemm kienu joqgħodu nies prominenti fiha.

Fl-1881 Joshua Whitaker kien iżżewweġ lil-Euphrosyne Manuel fil-kattidrall Anglikan ta' San Pawl. L-għarajjes kienu t-tnejn ulied negozjanti kbar tal-inbid. Euphrosyne kienet bint il-mejjet Alexander Basilio Manuel u Frances née Corlett li kienu joqgħodu f'din id-dar. Ritratt li juri l-għarajjes mal-familjari tagħhom fuq il-bejt tad-dar, juri fl-isfond il-parti ta' wara tal-kunvent fi-Triq iż-Żekka.

Il-kavallier Fra Francois de Vion Tessancourt, Pirjol ta' Champagne u li wara laħaq Gran Prijur ta' Franza, kellu żewġt idjar fil-Belt, waħda f'numru 54 Triq iż-Żekka u oħra faċċata tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Wara mewtu kien ħalla d-dar lill-qarib tiegħu Chev. Fra Franċois Charles de Vion Tessancourt. Dan ukoll ħalla li wara mewtu din id-dar kellha tgħaddi għand il-kavallieri minn Vion Tessancourt u wara li dawn ikunu spiċċaw tmur għat-teżorerija ta' l-Ordni.

Id-dar l-oħra li kienet akbar u li bejn l-1774 u l-1776 kienu joqgħodu fiha Fra Jacques de St. Mours, l-Pirjol t'Auvergne, u l-Venerabbli Balliju ta' Morea, Fra Christophe Perot de Malmeyson, war' aktar mill-kavallier Fra Gerlando d'Alfano u fl-1685 mil-Balliju Carlo Filippo, l-Baruni Freidac.

Fil-kantuniera ta' Triq iż-Żekka u Triq it-Teatru kien hemm il-binja tal-Prijorat ta' Navarre li kienu magħmula minn erbgħat idjar b'żewġ faċċati f'kull triq. Fl-1731, il-Gran Mastru Manoel de Vilhena xtaq jibni teatru u xtara ż-żewġt idjar bil-faċċati f'Triq it-Teatru għal 2,186 Scudi u ħallas 2,000 Scudi oħra lil-Kavallieri ta' Navarre biex isewwu ż-żewġt idjar tagħhom f'numri 87 u 88 Triq iż-Żekka.

L-Onorevoli Francesco Vella, Collettur tad-Dwana u Supritentendent tal-Portijiet ta' Malta, kien joqgħod fid-dar numru 62 għall-aħħar tas-seklu dsatax waqt li l-Kavallier J.P.L. Barr, Konslu ta' Franza u Tuneż, għamel żmien joqgħod fit-triq tagħna wkoll.

Il-Fundazzjoni Manoel kellha wkoll id-dar numru 63 Triq iż-Żekka li kienet inxtrat minn għand l-armla ta' Isidoro Gambalina u li ġiet imħotta u mibnija mill-ġdid. Bejn is-snin 1787 u 1798, fid-dar kien joqgħod il-Kommendatur Vespoli. Nafu wkol li d-djar b'numri 81 u 84 Triq iż-Żekka kienu darba jiffurmaw parti mil-fundazzjoni Fiol et Allard. F'waħda minn dawn id-djar kien joqgħod il-kittieb u storiku Victor F. Denaro u warajh ibnu t-tabib Donald Denaro li kien tant maħbub mil-Beltin.

Fil-futur, nipprova nfittex u nikteb iżjed fuq djar kbar u famużi fit-toroq tal-parroċċa tagħna.

Referenzi:
*"The Houses of Valletta",Victor F. Denaro (Progress Press Co., 1967).*
*"Melita Historica", organu tal-Malta Historical Society, ħarġiet varji.*
*"Heritage", Midsea Books Ltd., ħarġiet varji.*
*Noti tal-awtur.Ritratt tat-tieġ bejn Joshua Whitaker u Euphrosyne Manuel u l-familjari tagħhom fuq il-bejt tal-iskola fejn jidher il-kunvent. (Malta Family History).*









Kif tagħmel dan u għaliex? Il-Partiti politiċi l-kbar ma jistgħux ma jkollhomx il-każini tagħhom fil-Belt Kapitali tar-Repubblika ta' Malta il-Belt Valletta.

Għalhekk x'insibu li jorbot lill-Belt Valletta mal-karru politiiku ta' pajjiżna? Fi Triq ir-Repubblika li hija t-triq prinċipali tal-Belt, insibu l-Każin tal-Partit Laburista. Ftit passi lil hinn minnu, fi Triq it-Teżorerija, niltaqgħu mal-Każin tal-Partit Nazzjonalista. Madankollu fuq il-politika, m'għandiex għalfejn neleboraw iktar minn hekk.

Imma l-politka tidħol ukoll, mhux fil-kuntest kontemporanju tal-partiġġjaniżmu, kif mifhum mis-soċjeta' li tinqasam fi gruppi, fi ħdan partit żgħir, mezzan jew kbir, skond kif taħseb illi hu l-aħjar għaliha u għall-familja tagħha. Fi żmien il-ħakma direttorat jew tmexxija tal-Gran Mastri, il-politika għall-Belt Valletta kellha konnotazzjonijiet kbar arkitettoniċi.

Dan ifisser li l-Belt Valletta nbniet b'destin li tkun imsawwra, imdawwra bis-swar jew addirittura-fortifikata. Dan sabiex tkun imħarsa mill-attakki feroċi tal-Qawwiet Ottomani, l-armati Torok li kienu jinvadu ħafna artijiet fil-Mediterran. Forti famuż fil-Belt Valletta huwa l-Forti Sant Iermu. Għandu jsir titjib kbir f'dan il-Forti li tħalla jiddiġenera bil-kbir.



**Kantunieri differenti**

Tajjeb illi nżid li estetikament u arkitettonament, il-Belt Valletta għandha kull kantuniera fi ħdanha, waħda differenti minn oħra, u dan hu fattur interessanti. Skond l-armar tal-Gran Mastru, il-periti għamlu xogħolhom distintiv, perit minn ieħor, u dan għall-benefiċċju tas-soċjeta' li kienet għadha fil-maġġoranza tagħha fqira fil-ġid u fqira fit-tagħlim.

Imma x'għandhom x'jaqsmu l-kantunieri mal-injuranza tan-nies ta' dak iż-żmien? Kantuniera differenti kienet tingħaraf u tgħarraf li min ikun, bit-triq, lilwa jew passaġġ li jkunu ser jaqbad. Jekk xi ħadd kien, per eżempju, jistaqsi fejn tinsab Strada Zekka, min iwieġbu kien ikun jista' jfehmu bil-kantuniera, ma' liema kantuniera jdur u 'l fejn jibqa' sejjer.

Ma nistgħux ma nsemmux illi ġewwa l-Belt Valletta hemm ukoll il-bini tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Poplu, magħrufa bħala l-Parlament. Dan jinsab ġewwa l-Palazz li semmejna iktar 'l fuq. Fil-Parlament hemm rappreżentati l-partit politiċi l-kbar, li huma tnejn, il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista, li l-każini rispettivi tagħhom, huma wkoll fil-Belt Valletta.

Din hija ħarsa fuq fuq dwar x'toffri l-Belt Valletta, mhux biss lit-turisti, imma lill-poplu tagħna. Din hija l-Belt Valletta li toffri ħafna aktar, imma l-ispazju ma jippermettix li ntawwlu. Din hija l-Belt Valletta fl-isplendur storiku, soċjali u politiku tagħha. Din il-Belt li nbdiet biex tkun, għadha u kif għal dejjem irriduha tibqa'

**Konklużjoni**

Għalhekk irridu nkunu ċittadini serji li nibżgħu għal din il-belt, nieħdu ħsiebha tajjeb, nikkurawha bir-reqqa, ma ntellfu xejn mill-progress tas-snin li ġejjin u li bilfors ser jirrifletti fuq il-Belt Kapitali tagħna, u naraw li nkomplu napprezzaw fejn meħtieġ u nieqfu madankollu daqstant ieħor quddiem dak li m'huwiex korrett. Hekk il-Belt Valletta tibqa' sana, sabiħa u